

Brussell, 2 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8396/18

ENV 258

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7490/18 ENV 199
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' xxx li temenda d-Deċiżjonijiet (UE) 2017/1214, (UE) 2017/1215, (UE) 2017/1216, (UE) 2017/1218 u (UE) 2017/1219 fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-perjodu ta' tranżizzjoni = Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

1. Peress li l-miżuri previsti huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' miżuri¹ msemmi hawn fuq għal skrutinju f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.²

¹ 7490/18 - D055704/02

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-abbozz ta' miżuri permezz ta' proċedura informali bil-miktub u qabel li ma hemm ebda raġuni għalfejn il-Kunsill għandu jopponi l-adozzjoni tagħhom.³
3. Għalhekk is-Segretarjat Ġenerali jissuġġerixxi li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemm ebda raġuni sabiex jopponi l-abbozz ta' miżuri. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihomx, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri proposti f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

³ L-Artikolu 5a(3)(b) jipprevedi li l-Kunsill jista' jopponi, b'maġġoranza kwalifikata, l-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn għar-raġunijiet li dawn jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku, mhumix kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku jew ma jikkonformawx mal-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.